MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 326/2001/1

**Victor Pisani**

**v.**

**Grazio u Rose mizzewgin Mizzi**

**Il-Qorti**:

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell dwar mandat *prestanome*. Is-sentenza appellata nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 2007. L-appell tal-konvenuti Grezzju u Rose mizzewgin Mizzi gie ntavolat fit-8 ta' Novembru 2007. Ebda risposta ma giet ipprezentata mill-attur. L-appell instema' fit-2 ta' Dicembru 2009 u thalla ghas-sentenza ghal-lum. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta fl-inter taghha s-sentenza appellata u li minnha jirrizultaw il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**"Il-Qorti:**

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-27 ta' Frar, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

"L-attur kellu relazzjoni ma' Mary Daisy Mizzi, bint il-konvenuti.

"L-imsemmija Mary Daisy Mizzi kienet proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond *'Starlight'*, fi Triq id-Dliela, Zabbar filwaqt illi zewgha Paul Cutajar kien proprjetarju ta' n-nofs indiviz l-iehor ta' l-istess imsemmi fond;

"L-attur u l-imsemmija Mary Daisy Mizzi kienu ddecidew li jakkwistaw f'partijiet ugwali bejniethom in-nofs indiviz ta' l-imsemmi fond proprjeta` ta' l-imsemmi Paul Cutajar;

"Kemm l-attur kif ukoll l-istess Mary Daisy Mizzi kienu a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Paul Cutajar ma riedx jittrasferixxi a favur taghhom in-nofs indiviz ta' l-imsemmi fond proprjeta` tieghu;

"Sussegwentement minhabba tali raguni fuq imsemmija, l-attur u l-imsemmija Mary Daisy Mizzi kienu ftiehmu ma' l-konvenut Grazio Mizzi, missier l-istess Mary Daisy Mizzi, sabiex jidher bhala presta nome taghhom fuq il-kuntratt ghall-akkwist ta' n-nofs indiviz proprjeta` ta' Paul Cutajar tal-fond *'Starlight'*, Triq id-Dliela, Zabbar u dan minghajr ma jigi ddikjarat fuq il-kuntratt li l-istess Grazio Mizzi

qieghed jirraprezenta fuq dak il-kuntratt l-interessi ta’ l-attur u ta’ Mary Daisy Mizzi;

“Fil-fatt sussegwentement hekk sar u n-nofs indiviz tal-fond in kwistjoni gie akkwistat f’isem il-konvenut Grazio Mizzi permezz tal-kuntratt datat 23 ta’ Mejju, 1991, fl-atti tan-nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (Dok. A);

In realta` dak l-akkwist kien sar fl-interess esklussiv ta’ l-attur u ta’ Mary Daisy Mizzi;

“Wara l-kuntratt ta’ l-istess akkwist fuq imsemmi, dan il-fond in kwistjoni effettivament ghadda wkoll fil-pussess ta’ l-attur u huwa fil-fatt ghamel diversi benefikati fl-istess imsemmi fond;

“Ftit taz-zmien ilu l-attur u l-imsemmija Mary Daisy Mizzi kisru r-relazzjoni ta’ bejniethom;

“Il-konvenut Grazio Mizzi imxewwex minn bintu issa qieghed jippretendi li n-nofs indiviz ta’ l-imsemmi fond li gie akkwistat f’ismu permezz tal-fuq citat kuntratt, huwa fil-fatt proprjeta` tieghu u ghalhekk tali pretensjoni tmur kontra l-ftehim espressament milhuq bejn il-partijiet li x-xiri ta’ n-nofs indiviz tal-fond in kwistjoni proprjeta` ta’ Paul Cutajar kellu jsir dapparti ta’ Grazio Mizzi esklussivament fl-interess ugwali bejniethom ta’ l-attur u ta’ l-imsemmija Mary Daisy Mizzi;

“Talab lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex [tiddeciedi u tiddikjara]:

“1. Li permezz tal-kuntratt datat 23 ta’ Mejju, 1991 u pubblikat minn Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel il-konvenut Grazio Mizzi akkwista n-nofs tan-nofs indiviz tal-fond *‘Starlight’*, fi Triq id-Dliela, Zabbar fl-interess ahhari u uniku tal-attur u ta’ Mary Daisy Mizzi;

“2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti jitrasferixxu in-nofs indiviz ta’ sehemhom cioe` l-kwart indiviz u konsegwenti kull interess li ghandhom fil-fond *‘Starlight’*, fi Triq id-Dliela, Zabbar lill-attur;

“3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv f`dik id-data, hin u jum li tigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datat 15 ta` Novembru, 1999 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

“B’riserva ta’ kull dritt spettanti lill-attur ghad-danni kontra l-istess konvenut.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Grazio Mizzi li in forza taghha eccepixxa illi:

“a. Hu minnu li bint il-konvenut hi legalment separata minn mar-ragel taghha Pawlu Cutajar.

“b. It-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

“c. Minghajr pregudizzju ghas-suespost m’hemm l-ebda rabta ma’ l-attur peress li kieku l-pretensjonijiet tal-attur kienu veru hu stess kien jidhol fl-allegat kuntratt tat-23 ta’ Mejju, 1991 debitament redatt minn Nutar Gerard Spiteri Maempel.

“d. Minghajr pregudizzju ghas-suespost meta sar in-negozju bil-kunsens anki ta’ Pawlu Cutajar li kellu nofs il-post, u li jigi r-ragel separat minn bint il-konvenut, il-ftehim kien sabiex l-istess sehem ta’ Pawlu Cutajar imur unikament favur il-konvenut u dan peress li l-istess Pawlu Cutajar ried jasal mal-konvenut biss u mhux ma’ martu Maria Daisy Cutajar u dan purament minhabba t-tfal taghhom stess.

“e. Din l-allegat kwistjoni permezz ta’ din il-kawza nqaghlet circa wara ghaxar snin li sar il-kuntratt tal-akkwist u b’hekk ghal kull buon fini, filwaqt li jekk hemm xi pretensjoni din hija issa preskritta, qed jirrizulta wkoll li din

il-pretensjoni inqaghlet minhabba disgwid li nqaghlet *(sic!)* bejn bint il-konvenut u l-istess attur bil-konsegwenza li din il-kawza qed isservi ta’ rikatt fil-konfront taghha u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

“f. Minghajr pregudizzju ghas-suespost meta l-istess attur kien kellem lil konvenut malli kellu tilwima ma’ bintu hu xtaq b’hafna allegazzjonijiet u pretenzjonijiet li jsir kuntratt biex dik il-parti tigi trasferita f’ismu meta dan m’ghandux dritt. Illi di piu` l-istess konvenut wera b’mod car lill-attur li meta ghamel il-kuntratt ma kienx jaf b’dan l-allegat pretensjoni tal-attur li jrid jipprova l-pretensjonijiet tieghu liema kuntratt il-konvenut iddikjara li ghamilha *(sic!)* purament sabiex jassigura ruhu li n-neputijiet tieghu jkunu taht is-sorveljanza tieghu.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat li l-konvenuta Rose Mizzi, ghalkemm notifikata bl-att tac-citazzjoni, naqset li tressaq nota tal-eccezzjonijiet u, ghalhekk, baqghet kontumaci;

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Frar, 2002, li in forza taghha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mtellgha mill-konvenut bhala mhux misthoqqa, bl-ispejjez kontra l-konvenut;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi din il-kawza tikkoncerna l-fond *‘Starlight’*, fi Triq id-Dliela, Zabbar, li kien jappartjeni ghan-nofs indiviz lill-konvenuta Mary Daisy Mizzi, u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor lill-zewgha, Paul Cutajar. F’xi zmien, Mary Daisy Mizzi u zewgha Paul Cutajar kellhom problemi familjari, u Mary Daisy Mizzi bdiet relazzjoni mal-attur Victor Pisani. Dawn it-tnejn iddecidew li, jekk hu possibbli, jixtru n-nofs sehem ta’ Paul Cutajar bejniethom. Peress li kienu jafu li Paul Cutajar ma kienx sejjer jittrasferixxi sehemu lil ex-martu u l-habib taghha, skond l-attur, qablu li dak in-nofs sehem indiviz jinxtara fuq isem l-konvenut Grazio Mizzi (missier Mary Daisy Mizzi) bhala presta nome taghhom. Dan Grazio Mizzi, fil-fatt akkwista is-sehem ta’ Paul Cutajar fuq ismu b’kuntratt ippubblikat minn Nutar Gerard Spiteri Maempel fit-23 ta’ Mejju, 1991.

“Il-prezz tal-akkwist kien Lm7,000, u fuq l-att Grazio Mizzi hallas Lm3,000, u obbliga ruhu li jhallas il-bilanc ta’ Lm4,000 b’pagamenti ta’ Lm100 fix-xahar. L-attur jghid li, fil-fatt, il-pagamenti ta’ Lm100 fix-xahar harguhom nofs kull wiehed hu u Mary Daisy Mizzi; l-attur kien jigbor il-Lm50 sehem Mary Daisy Mizzi u jghaddi Lm100 lil Grazio Mizzi biex dan ihallas lil Dr. Mark Busuttil, ghan-nom ta’ Paul Cutajar. L-ahhar pagament ta’ Lm100 sar direttament lil Paul Cutajar min Grazio Mizzi fl-ufficcju tan-Nutar Spiteri Maempel sabiex dan jipprovdi ghall-kancellament tal-ipoteka registrata fuq il-fond bhala garanzija ghal hlas tal-bilanc. Wara li saru l-hlasijiet lil Paul Cutajar, l-attur u Mary Daisy Mizzi bdew ihallsu Lm50 il wiehed lil Grazio Mizzi sabiex jirrifondulu t-Lm3,000 li hu kien hallas fuq il-kuntratt. Wara li saru wkoll dawn il-pagamenti, l-attur beda jinsisti ma’ Grazio Mizzi sabiex jittrasferixxi s-sehem li kien xtara fuqu u fuq Mary Daisy Mizzi.

“Fil-frattemp, l-attur u Mary Daisy Mizzi kienu qed jghixu flimkien fil-fond in kwistjoni, u l-attur beda jimpenja ruhu biex jirranga u jarma d-dar. Il-hsieb kien li hu jonfoq madwar Lm7,000 biex jirranga d-dar biex b’hekk hu jkun nefaq daqs sehem Mary Daisy Mizzi tal-fond (in-nofs sehma mill-komunjoni ta’ l-akkwisti), u l-istess fond ikun taghhom it-tnejn f’ishma indaqs. L-attur jghid li, fil-fatt

nefaq hafna izjed minn Lm7,000 biex irranga d-dar u biex xtara l-ghamara li kien hemm bzonn.

“Gara li wara li saru l-hlasijiet lil Paul Cutajar u lil Grazio Mizzi, ir-relazzjoni bejn l-attur u Mary Daisy Mizzi hzienet, u l-kuntratt bejn Grazio Mizzi u l-attur baqa’ ma sarx. Grazio Mizzi jghid li l-post xtrah fuq ismu f’isem bintu biss, ghalkemm jaqbel li l-flus biex inxtara l-post harguhom bintu u l-attur flimkien, u li hu ma hareg xejn biex irranga d-dar u ghall-ghamara tal-istess, u li probabbli l-ispejjez relattivi saru kollha minn bintu u l-attur.

“Illi konsegwentement biex tigi rizolta l-vertenza odjerna din il-Qorti trid tara jekk effettivament il-konvenut kienx qed jagixxi ta’ mandatarju *prestanome* fuq struzzjonijiet tal-attur. Kwindi se ssir referenza ghall-istitut ta’ mandat, x’inhu mandatarju *prestanome* u x’inhuma l-elementi ta’ l-azzjoni odjerna.

“Skond kif insibu fil-“Diritto Privato” (5th Ed) ta` Francesco Galgano il-mandat huwa *“il contratto con il quale una parte, il mandatario, si obbliga nei confronti dell’altra, il mandante, a compiere uno o piu` atti giuridici per conto di quest’ultima (Art. 1703)”*.

“Skond l-artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili, il-mandat jista’ jinghata b’att pubbliku, b’kitba privata, b’ittra jew bil-fomm, jew ukoll tacitament. Illi kif intqal fis-sentenza “Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Novembru, 1953.

*““L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f’materja ta’ mandat tirrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimenti ta’ beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti ta’ l-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta’ proprjeta`, li trid tkun espressa*;

*“Ghalhekk ma jidhirx li hija rikjesta ebda formalita`; u f’dana s-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. ‘Siffatto mandato … … non occorreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l’acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso*

*contenendosi nella nostra legge' (sent. App. 24 ta' April, 1931 in re S. Galea vs. Paolo Gauci noe, Vol. XXVIII.I.60; Prim'Awla 13 ta' Jannar, 1947 in re V. Vella vs Angela Vella; Prim'Awla 11 ta' Jannar, 1950 Rizzo Bamber vs Rizzo*)."

"Fl-istess sens hi d-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Frendo vs Azzopardi", moghtija fit-28 ta` Jannar, 2004.

"Illi infatti f'"Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar 1950, il-Qorti sostniet:-

*""Jinghad ukoll li ma ghandhomx jigu konfuzi l-formalitajiet li l-ligi tassativament tordna ghax-xiri ta' l-immobbli, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validita` taghhom fir-rapporti bejn bejjiegh u xerrej u di fronti ghat-terzi, mal-ftehim u rapporti li jkun jezistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-ligi, fit-trasferiment ta' l-immobbli dak li ghandu, taht piena ta' nullita`, jirrizulta mill-att pubbliku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgh u cioe` l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiz kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri l-mandat fl-effetti tieghu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista' jigi dejjem dimostrat u pruvat skond in-normi dettati ghall-prova ta' l-obbligazzjonijiet in generali. Din hija l-konsegwenza legittima u natural ta' l-art 1959 u 1965 tal-Kodici Civili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista' jkun espress jew tacitu, u ghandu jkun dejjem espress fil-kazi msemmija taht it-tieni artikolu fuq citat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B'dana kollu, mandat "exprissis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-ligi."*

"Fis-sistema legali taghna nsibu wkoll dak li jissejjah il-mandatarju *prestanome* – kif qed jigi allegat li kienet il-funzjoni tal-konvenut. Fis-sentenza "Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Mejju 1957, dan gie deskritt hekk:-

*""Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."*

"Fis-sentenza *supra citata ta' "*Carmela Farrugia v. Giuseppe Farrugia" jirrizulta car li l-Qorti ghandha tinvestiga dwar x'kienet l-intenzjoni tal-mandatarju li jakkwista f'ismu proprju meta xtara u infatti l-Qorti qalet hekk:-

*""Gie deciz, infatti, illi 'il mero fatto di avere il mandatario stipulato l'acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anziche` in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando e` provata l'esistenza del mandato e non e` messo in dubbio che il mandatario, nel fare l'acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato" (C. Roma 4 Marzu 1882, Conti C. Felici, riportata fil-Fadda Vol. IX. pag 738, no. 69);*

*"Izda, apparti dan l-fatt, l-opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi ohra. Dawn ipartu mill-principju illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in buona fede, u jsostnu li, ghalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-sahha tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandat l-azzjoni personali <mandati directi> kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa' fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorita` tal-Pothier (Mandato, Lib.II,sez.III, para, 2, no. 59). 'Se io ho incaricato taluno di*

*<u>comperarmi una certa cosa, il mandatario che si e` incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si e` fatto consignare la cosa, deve restituirmela, ancorche` ne avesse fatto l'acquisto in suo nome'.</u> L-istess haga jghid Laurent, Principi di Diritto Civili, Tomo XXVIII,para.61:- '… il mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rimane obbligato verso il mandante, ammenocche` non abbia rinunziato il mandato. Sinche` il mandato sussiste, il mandatario e` tenuto ad esiguirlo; dunque quando tratta con un terzo, quantunque in nome proprio, si presumu che, rispetto al mandante, egli abbia trattata nell'interesse di questo, e che abbia fatto la cosa di cui era incaricato' u l-Baudry Lacantinerie, Del Mandato, para. 608:- 'Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti' (v. pure Chironi, Diritto Civili, Studi, Vol. III, pag. 149);*

*"Fl-istess sens gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milano fit-30 ta' Dicembru 1869, Ricci XXI.2.1630, riportata fl-imsemmija sentenza **"Galea v. Gauci"**, mill-C. Torino fit-13 ta' Marzu 1885, Airaldi c. Robert, Annali 1885, 213, riportata fil-Fadda, Vol.IX, pag, 738 no. 63, u A. Calabrie 23 ta' Gunju 1871, Pisani v. Colerno, Fadda, ibidem 83;*

*"Din ukoll tidher li kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza citata **"Galea v. Gauci"**."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Illi qabel ma din il-Qorti tinoltra ruhha f'din id-decizjoni, hemm bzonn li tigi nvestigata l-kwistjoni sollevata illi jekk jispettaw xi drittijiet lill-atturi dawn mhumiex dawk pretizi billi ma tirrizulta l-ebda promessa jew weghda ta' trasferiment bhal dan jew xi obbligu legali ghall-akkoljiment ta' talba simili.

"Fis-sentenza *supra citata* ta` "<u>Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et</u>", gie deciz li meta l-mandatarju ta' l-attur xtara l-fond fl-isem tieghu proprju u b'mandat, l-attur – cioe` l-mandant – ma akkwistax ebda dritt reali fuq dak il-fond b'mod li jista' jirrivendikah, imma ghandu l-azzjoni personali *'mandati directa'* kontra l-

mandatarju u s-successuri tieghu u aventi kawza minnu, biex jigi lilu trasferit dak l-immobbli u sakemm l-immobbli jkun ghadu fil-pussess tal-mandatarju, u ma jkunx gie trasferit lil terza persuna; ma jistax il-mandatarju jirrifjuta dak it-trasferiment billi jippretendi li minflok kellu jigi azzjonati mill-mandanti ghad-danni u interessi.

“Illi fuq l-istess linja kienet id-decizjoni f’“Carmelo Farrugia v. Giuseppe Farrugia”, (*supra citata*) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-

*““Illi l-kwistjoni sollevata mill-appellant, fis-sens li l-mandatarju inadempjenti, li jesegwixxi l-mandat f’ismu u fl-interess tieghu, ma jistax jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta’ l-obbligu tieghu, imma biss ghar-rizarciment tad-danni, giet diversi drabi ezaminata u rizoluta minn dawn il-Qrati (ara sentenzi fuq citati ta’ din il-Qorti in re “Galea vs Gauci”, 24 ta’ April 1931, u in re “Calleja vs Deguara”, 10 ta’ Ottubru 1930; u Prim’Awla in re “Meli vs Meli”, 25 ta’ Mejju 1927, u in re “Briguglio vs Parnis”, 20 ta’ Dicembru, 1928), fis-sens li, meta l-mandatarju jesegwixi l-inkarigu li jkun ircieva, u hekk jakkwista fond f’ismu, izda fl-interess tal-mandant, huwa jista’ jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika, u kwindi ghat-trasferiment tal-fond lill-mandant. Din it-teorija hi avvalorata mill-Baudry-Lacantinerie (Del Mandato, no. 890), mill-Pothier (Mandato, Capo II, sez. III, par. 2, no. 59), mil-Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XXVIII, par. 60 e 61), u mill-Pacifici Mazzoni (Diritto Civile, 1921, Vol. V, parte II, pag. 297).”*

“Fis-sentenza “Profs. Anthony J. Mamo O.B.E. noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe”, aktar qabel citata, kien hemm il-figura tal-mandatarju *prestanome* u kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta’ l-ahhar deher f’ismu proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghal ditta. L-ewwel Qorti kienet qalet illi:-

*““…. jista’ wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta’ haddiehor bis-sahha ta’ mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema*

*mandat ma ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta' mmobbli. F'kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f'ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma' xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant (Kollezz. Vol. XXXVII.I.350).*

*xxx omissis xxx*

*"Illi pero`, f'kaz bhal dan li ssemma', il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalita` ta' l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f'ismu proprju, kien fir-realta` gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista' jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta' dak l-obbligu tieghu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f'ismu proprju (Vol.XXVIII-I-60;  Vol. XXXVII-I-350)."*

"Illi dwar it-tieni att li sar bejn il-mandant u l-mandatarju fejn gie dikjarat li ghalkemm il-mandatarju fl-ewwel kuntratt hu kien qed jidher in verita` ghad-ditta, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell iddecidiet li dan it-tieni att ghandu:-

*""jigi kkunsidrat bhala att li jirrapprezenta assenjazzjoni; u difatti, l-att li bih wiehed jassenja hu att li bih wiehed jistabilixxi, jiddetermina u jattribwixxi. Issa, bit-tieni kuntratt il-partijiet riedu, u hekk ghamlu, jiddeterminaw u jiddimostraw illi l-proprjeta` mhix ta' l-Inginier Edwin England Sant Fournier, kif juri l-ewwel kuntratt, imma invece tad-ditta konvenuta; u lil din id-ditta, ghaldaqstant, dik il-proprjeta` giet moghtija bhala proprja – dak li jfisser giet lilha attribwita jew assenjata;*

*"Kif sewwa ssottometta l-konvenut nomine, il-kelma "assenjazzjoni" ma ghandhiex l-istess sinifikat bhal kelma "dikjarazzjoni"; izda dikjarazzjoni tista' tirrakkjudi assenjazzjoni, jekk dan ikun il-kontenut taghha; u meta b'dikjarazzjoni jigi dimostrat li proprjeta` mhix ta' wiehed*

*ghaliex dan hu biss apparentement is-sid taghha, izda ta' iehor, il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni jimporta assenjazzjoni ta' dik il-proprjeta` lis-sid veru taghha. B'hekk, difatti, dan jakkwista t-titolu ghal dik il-proprjeta` quddiem kulhadd".*

"Illi meta dawn l-insenjamenti jigu applikati ghall-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li in verita` bejn l-attur u l-konvenut kien hemm ftehim li permezz tieghu l-istess konvenut Mizzi kien qed jagixxi fuq l-istess kuntratt bhala mandatarju ta' l-attur u allura jsegwi li meta huwa deher fuq il-kuntratt datat 23 ta' Mejju, 1991, hu kien qed jagixxi ta' mandatarju *prestanome*.

"Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara ezami bir-reqqa ta' cirkostanzi kollha tal-kaz. Kif inghad, jirrizulta bhala fatt li l-flus kollha ghall-akkwist ta' sehem Paul Cutajar tal-fond inhargu f'ishma ndaqs mill-attur u Mary Daisy Mizzi, u ghalkemm m'hemmx qbil dwar jekk il-flus ghal ghamara ta' god-dar harigihomx kollha l-attur jew bi shab bejn l-attur u Mary Daisy Mizzi, jibqa' l-fatt li l-attur hareg flus mhux biss biex inxtraw diversi ghamara ghall-fond, izda anke biex saru xi xogholijiet ta' natura strutturali fl-istess fond. L-attur esebixxa kopji ta' diversi ricevuti li jindikaw ordni u/jew hlas minnu stess.

"Din il-Qorti ma tahsibx li l-attur kien se jonfoq madwar Lm10,000 jekk mhux aktar fuq post li mhux tieghu, li ma kienx ghal ftehim verbali li kellu mal-konvenut.

"Jirrizulta wkoll li fl-1 ta` Settembru, 1994, l-attur xtara terran appogg mal-fond in kwistjoni. Fil-parti ta' quddiem ta' dan it-terran fetah garage, peress li ma kienx hemm garage fil-fond in kwistjoni, u mbaghad niffed minn kamra ghall-ohra taz-zewg fondi, u niffed ukoll il-btiehi fuq wara u l-parapett fuq quddiem. L-applikazzjoni ghall-permess mehtieg mill-Awtorita` tal-Ippjanar saret fuq isem l-attur, u hekk hareg il-permess relattiv. Jidher ukoll li meta gar hallas ghall-appogg li hu ppratika mal-fond in kwistjoni, il-hlas sar lill-attur u kien hu li iffirma l-ircevuti relattivi.

"Mill-provi jirrizulta wkoll li r-relazzjoni ta' bejn l-attur u Paul Cutajar kienet hazina, tant li Paul Cutajar allega li l-attur kien anke spara fuqu, u qal car u tond illi kieku l-post talabulu l-attur, ma kienx ibieghulu. Dawn huma cirkostanzi li jaghtu motiv ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt favur Grazio Mizzi biss. Il-presenza tal-attur u l-Avukat tieghu fil-bini fejn gie ippubblikat il-kuntratt ta' trasferiment, hija wkoll indikazzjoni tal-*"interess"* tal-attur fl-akkwist tal-fond.

"Ghab-bazi tal-konsiderazzjoni tal-fatti emergenti mill-provi, din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi t-talbiet tal-attur jivveritaw [recte: jimmeritaw] pjena adezjoni.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, prevja r-rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-akkwist li ghamel Grazio Mizzi tan-nofs indiviz tal-fond *'Starlight'*, Triq id-Dliela, Zabbar, sar fl-interess ahhari u uniku tal-attur u Mary Daisy Mizzi, takkolji wkoll it-tieni u t-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni opportuna tal-kuntratt ta' trasferiment ta' sehem ta' kwart (nofs in-nofs fuq akkwistat) tal-fond in kwistjoni a favur l-attur, li ghandu jsir permezz tal-ministeru tan-Nutar Dottor Marco Burlo`, mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 11 ta` Dicembru, 2007, f'wahda mill-awli ta' din il-Qorti; tinnomina wkoll lid-Dottoressa Gabriella Vella biex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt.

"L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti."

**<u>L-appell</u>**

**2.** L-aggravju tal-konvenuti kontra din is-sentenza jirrigwarda l-allegat nuqqas tal-ewwel Qorti li tapprezza dak li ngieb quddiemha b'mod partikolari dak li jinsab fin-nota ta' eccezzjonijiet, ghax kieku ghamlet hekk kellha tasal ghall-konkluzjoni li qatt ma ezista ftehim bejn l-appellat u l-appellanti u cioè il-ftehim biex jigi akkwistat permezz ta' mandat *prestanome* sehem mill-fond in

kwistjoni. L-appellanti konjugi Mizzi ddikjaraw li huma minn dejjem kellhom il-hsieb li jakkwistaw sehem id-dar tar-ragel ta' binthom fl-interess tan-neputijiet taghhom (ulied binthom). L-appellanti jghidu li huma kienu kostretti "*jaghmluha ma' l-attur mhux ghax kellhom pjacir bih imma ghax kien f'relazzjoni adultera ma' binthom*" u sostnew li "*din per se ma tfissirx allura li kien hemm xi forma ta' ftehim ma' l-attur, kif allegat, liema haga hija michuda kategorikament u li sfortunatament l-ewwel Qorti naqset milli tifhem dan il-punt liema haga tinnecessita li tigi rimedjata.*" L-appellanti jistaqsu wkoll ghaliex kontra binthom ma kienitx saret kawza u jsostnu li "*dan l-aspett gie sollevat kemm il-darba fejn sfortunatament l-ewwel Qorti ma tantx tatha l-importanza li timmerita u li hi tant krucjali fil-kawza odjerna*." Huma ghamlu referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet [1] li kienu pprezentaw quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-appellanti talbu li din il-Qorti "*thassar u tannulla s-sentenza pronunzjata tas-19 ta' Ottubru 2007 billi tiddeciedi l-kawza favur il-konvenuti u jekk jinhass il-bzonn tisma' x-xiehda ndikati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.*"

**3.** L-appellat ma pprezentax risposta ghal dan l-appell izda waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2009, meta l-partijiet ittrattaw l-appell, l-appellat ghamel refenza ghan-nota ta' osservazzjonijiett [2] li huwa kien ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**4.** Din il-Qorti ghandha quddiemha zewg tezijiet kontrastanti ghall-ahhar: fuq naha wahda, l-appellat isostni li fir-relazzjoni ta' bejnu u l-appellanti (aktar precizament, l-appellant Grazio Mizzi) kien hemm fethim ta' mandat *prestanome* sabiex jigi akkwistat sehem minn fond liema akkwist sar izda meta interpella lill-appellant sabiex jittrasferixxi s-sehem indiviz tal-fond fuq ismu, Mizzi baqa' inadempjenti; u fuq in-naha l-ohra l-appellanti jghidu li ma kien hemm ebda ftehim ta' dan it-tip.

[1] A fol. 273.
[2] A fol. 262.

F'sitwazzjonijiet bhal dawn id-decizjoni finali ta' min ghandu ragun tistrieh fuq l-apprezzament tal-provi kollha prodotti fil-kawza bil-ghanli jigi stabbilit, ta' lanqas fuq bazi ta' probabilita`, liema miz-zewg verzjonijiet ghandha tipprevali. L-ewwel Qorti, wara li fil-qosor elenkat l-elementi mehtiega sabiex ikun hemm mandat tat-tip *prestanome*, ghamlet referenza ghall-Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili u ghall-gurisprudenza. Imbaghad, ghaddiet biex ghamlet ezami tal-provi li kellha quddiemha sabiex tistabbilixxi jekk il-fatti ta' dan il-kaz jikkombacawx ma' l-elementi ta' mandat *prestanome*. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant agixxa bhala mandatarju *prestanome*.
**5.** Fis-sentenza tas-26 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Rosario u Miriam konjugi Agius et v. Carmelo sive Charles Agius et** (fejn f'dik il-kawza il-fatti kienu simili hafna ghall-fatti fil-kawza odjerna) din il-Qorti kienet qalet hekk:

"*Il-kwistjoni kienet wahda ta' provi u ta' kredibilita`. Issa gie dejjem ritenut li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar apprezzament ta' provi izda taghmel ezami approfondit tal-provi biex tara jekk, fuq il-fatti rizultanti, l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.*"

U hekk ukoll se jsir f'dan l-appell.

**6.** Hu stabbilit li fir-rigward tar-relazzjoni guridika ma' terzi persuni (ezempju il-venditurі ta' immobbli), il-mandatarju *prestanome* jagixxi minghajr ma jizvela ma' dawn it-terzi l-ezistenza tal-persuna u/jew persuni ohra mohbija wara ismu. Min-naha taghhom, it-terzi persuni m'ghandhom l-ebda obbligu li jkunu jafu lil hadd hlief il-mandatarju *prestanome*. Hu dan tal-ahhar li jidher fuq il-kuntratt u jaccetta u jakkwista minghandhom it-titolu ta' proprjetarju. In-negozju ma' dawn it-terzi jigi konkluz mal-firma tal-att pubbliku. Ghalhekk, il-ftehim privat jew ahjar sigret ezistenti bejn il-mandant u l-mandatarju *prestanome*, vis-à-vis it-terzi persuni li jidhru fil-kuntratt tal-akkwist ma hu xejn hlief "*res inter alios acta*".

**7.** Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991)[3], Paul Cutajar fl-istess jum li ssepara legalment minn ma' martu, biegh u ttrasferixxi lil Grazio Mizzi nofs indiviz tad-dar bl-arja taghha bla numru ufficjali bl-isem 'Starlight', Triq id-Dliela, Haz Zabbar. Fix-xiehda tieghu[4], Paul Cutajar qal li il-bejgh sar "*wara li gie jkellimni Grazio Mizzi u qalli li b'rispett tat-tfal il-post aghtihuli b'daqshekk u jiena ghidtlu naghtihulek u b'hekk sar l-arrangament*." L-appellant Grazio Mizzi fix-xiehda[5] tieghu kkonferma dan meta qal: "*fis-separazzjoni Pawlu ried ibiegh sehmu, u riedha anke hi tohrog minn hemm halli l-post ikun jista' jinbiegh. Jiena kellimt lil Pawlu Cutajar u ghedtlu biex jistenna ftit, gimgha, gimghatejn, biex nara jien insibx xi hadd li jkun lest jixtri sehmu u jhalli lit-tifla tieghi f'dak il-post, peró ma sibtx persuna li kien lest jixtri dak il-post u jhalli lil binti hemmhekk. U ghalhekk jiena ghidt lil Pawlu li kont lest li nixtri l-post jien, biex hekk inkun nista' kontinwament inzomm it-tfal taht ghajnejja*." Ghalhekk, ghan-negozju ta' bejn Pawlu Cutajar u l-appellant kull ma kien jehtieg kien il-kunsens taghhom it-tnejn u li jghaddu ghall-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh u xejn aktar.

**8.** L-ewwel Qorti (u issa din il-Qorti wkoll) riedet tistabbilixxi jekk bejn l-appellanti u l-appellat u binthom Mary Daisy Mizzi kienx hekk ftehim li permezz tieghu l-appellat Grazio Mizzi jagixxi ta' mandatarju *prestanome* u fl-interess taghhom jakkwista l-immobbli hawn fuq deskritt f'ismu proprju izda bl-obbligu li eventwalment jikkonsenjalhom l-imsemmi fond. Naturalment, dan il-ftehim irid ikun maghmul espressament. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et**[6] sostniet li "*mandat 'expressis' ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-*

---

[3] A fol. 6.
[4] A fol. 176.
[5] A fol. 181 sa 182.
[6] Vol.XXXIVB.II.430

*ligi."* L-ewwel Qorti, ghalhekk, mill-provi mressqa quddiemha kkonvinciet ruhha li kien hemm ftehim verbali bejn l-appellanti u l-appellat.

**9.** M'huwiex kontestat li bejn Pawlu Cutajar (il-venditur) u martu Mary Daisy Mizzi kien hemm divergenzi kbar, tant li wasslu ghas-separazzjoni legali taghhom, bl-insistenza ta' Cutajar li d-dar matrimonjali li kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom kellha tinbiegh. Cutajar qal li qabel is-separazzjoni martu kellha relazzjoni ma' l-appellat, u bejnu u bejn Pisani kien inqala' hafna inkwiet tant li kien hemm sahansitra incident bi sparatura. Minhabba f'hekk, xehed Cutajar: "*jiena ghalhekk iddecidejt li ahjar inbiegh sehemi mill-post u nitlaq 'l hemm.*"[7] L-appellat Pisani xehed[8] li: "... *meta kienu qed jersqu ghas-separazzjoni Paul Cutajar ried ibiegh sehmu halli jkun jista' jiffinalizza s-separazzjoni. Meta rajna hekk, jiena u Mary Daisy Mizzi konna ftehmna li nixtru s-sehem ta' Paul Cutajar ahna, però jiena ma stajtx navvicinah u nersaq lejh peress li kelli l-inkwiet mieghu. L-inkwiet ma Paul Cutajar [sehh] peress li dan kien sar jaf li jien kont qed nohrog mal-mara tieghu*." Cutajar ried ibiegh izda zgur mhux direttament lil martu u wisq anqas lil Pisani!

**10.** Mill-provi jirrizulta li l-appellant Grazio Mizzi ma kellu ebda interess ghalih innifsu li jixtri s-sehem indiviz tad-dar minghand zewg bintu u l-intenzjoni tieghu kienet li jinkiseb f'isem terzi. F'dan il-kuntest, ghalhekk, l-appellant Grazio Mizzi xehed: "*Ghalkemm xtrajtu fuq ismi, u ghadu fuq ismi, però jiena l-post xtrajtu biex naghtih lit-tifla*."[9] U aktar 'l quddiem fl-istess deposizzjoni: "*Il-ftehim illi sar, kif ghedt qabel, hu illi l-post jerga' jdur fuq it-tifla. Jiena qatt ma kelli l-hsieb li naghtih bhala rigal lit-tifla.*"[10]

**11.** L-appellant Grazio Mizzi qabel ma ha decizjoni dejjem hass li kellu jikkonsulta u effettivament kien jikkonsulta dwar il-pass li kien mehtieg jaghmel. Per ezempju, huwa kkonsulta ma' bintu specjalment meta kien inqala' l-

---

[7] A fol. 175.
[8] A| fol. 110-111.
[9] A fol. 183 sa 184.
[10] A fol. 185.

inkwiet bejnha u bejn l-appellat, u dan tal-ahhar kien talab li jsir il-kuntratt notarili biex l-appellant jittrasferixxi l-kwart indiviz ghal fuqu. Fid-depozizzjoni tieghu hu qal li kkonsulta ma' bintu dwar x'se jaghmel: "*Wara li Victor u binti kellhom xi jghidu, Victor gie jkellimni u qalli biex indawwar kwart tal-post fuqu, jigifieri qalli biex indawwar ghal fuq ismu nofs dak li kont xtrajt, jigifieri n-nofs tan-nofs. Jiena m'accettajtx. Ghedtlu irrid nara x'tghid it-tifla. Jiena saqsejt lit-tifla u t-tifla qaltli le*."[11] Din l-imgieba tal-appellant kienet tkun mod iehor kieku l-intenzjoni tieghu kienet li jakkwista l-immobbli ghalih personali u mhux fl-interess ta' haddiehor. Ma kien ikollu jikkonsulta ma' hadd. Da parti tieghu l-appellat Pisani kien konsapevoli ta' dak kollu li kien qed jigri, bid-dettalji kollha, inkluz tal-kontenut tal-kuntratti tas-separazzjoni kif ukoll tal-akkwist ta' sehem ir-ragel, inkluzi prezz u l-mod kif kellu jithallas dan il-prezz. Meta gie ppubblikat il-kuntratt tal-akkwist huwa kien fil-vicinanzi u sahansitra kien wassal lill-Mary Daisy Mizzi ghand in-nutar koncernat.[12]

**12.** Ghal mistoqsija dwar il-ghaliex ir-ricevuti kollha ffirmati minnu li jinsabu a fol. 31 sa fol. 62, juru li huwa accetta l-flus minghand l-appellat u Daisy Mizzi, l-appellant kien wiegeb sempliciment: "*ghax hekk giet.*" Bnadi ohra fix-xiehda tal-appellant insibu referenzi shah ghal fatt li l-pagamenti kienu nqasmu ndaqs bejn l-appellat u bintu Daisy Mizzi. L-appellant kkonferma li huwa thallas kollox li kien hareg ghax-xiri tal-post: "*Jiena ghalhekk nikkonferma li l-post ghadu fuq ismi, però l-flus li hrigt ghalih gew moghtija lili kollha lura."* [13]

**13.** L-appellat ftit wara mar jabita fil-fond in kwistjoni u hareg flejjes sabiex isir tibdil strutturali fih. L-appellant Grazio Mizzi da parti tieghu ikkonferma li *"…flus biex nirranga l-post jiena qatt ma hrigt."*[14] Biex isiru dawn it-tibdiliet strutturali Pisani kien applika f'ismu sabiex jottjeni l-permess necessarju minghand l-Awtorità dwar l-Ippjanar – ara d-dokument a fol. 100. F'sitwazzjoni ohra, l-

[11] A fol. 186.
[12] A fol. 112.
[13] A fol. 187.
[14] A fol. 187.

appellant kien akkumpanja lill-appellat sabiex jingabar il-kumpens ghall-appogg minghand gar taghhom. L-appellant gabar biss il-kumpens tal-appogg li l-gar kellu mar-residenza tieghu. Il-kumpens ghall-appogg tad-dar in kwistjoni ingabar mill-appellat Pisani – ara d-dokument VP6 a fol. 105.

**14.** In vista tac-cirkostanzi kollha ezaminati u hawn aktar 'l fuq imsemmija, mhux ta' b'xejn li l-ewwel Qorti kienet konvinta dwar x'kienet l-intenzjoni tal-appellant (specjalment il-mod kif thallas il-prezz miftiehem mal-venditur li ma kienx kontestat u aktar minn hekk kien korroborat mix-xiehda guramentata kemm tal-appellat kif ukoll ta' l-appellant u bintu kif ukoll minn dokumenti prezentati) u cioè li jservi ta' mandatarju *prestanome*. Din hi wkoll il-konvinzjoni ta' din il-Qorti. Ghalhekk, skond l-insenjament ta' diversi awturi awtorevoli u tal-gurisprudenza kostanti[15], fil-kaz in dizamina, il-kwart indiviz kien gie akkwistat mill-appellat dak in-nhar li gie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgh. Meta persuna sservi ta' *prestanome* ghal persuna ohra, hija ghandha tkun trattata bhala mandatarja u xejn aktar hlief hekk. Ir-regoli tal-mandat ghandhom ghalhekk japplikaw u, b'mod partikolari, il-mandatarju *prestanome* ma jistax izomm ghalih innifsu dak li jkun akkwista. F'dik li ghandha x'taqsam ma' responsabbilità, huwa jrid iwiegeb bhala mandatarju: ara l-awturi Andrea Torrente u Piero Schlesinger[16]:

***"Il mandatario ha poi l'obbligo, in virtù del mandato ricevuto, di trasferire con un successivo negozio al mandante il diritto acquistato in nome proprio, ma nell'interesse del mandante."***

## Decide

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li tichad l-appell tal-konvenuti, tikkonferma *in toto* s-sentenza

[15] Ara **Carmela Farrugia v. Giuseppe Farrugia**, vol 37 p. 1 p 350

[16] Manuale di Diritto Privato, quattordicesima edizione, Giuffrè Editore, 1994, pg. 541 - 542

appellata. Din il-Qorti tikkonferma l-hatra tan-Nutar Dottor Marco Burlo` sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv fl-edificju ta' dawn il-Qrati nhar id-29 ta' Marzu 2010 izda tinnomina lill-Avukat Dottoressa Lydia Abela sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt in sostituzzjoni tad-Dottoressa Gabriella Vella li nel frattemp giet elevata ghall-kariga ta' Magistrat. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------